MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 825/1991/1

**Citazzjoni numru 825/91 GC**

**Anna Mckenna Mintoff gia mart Bernard, f`isimha proprju, kif ukoll bhala prokuratrici ghan-nom u in rapresentanza ta` l-assenti Joan Mainwaring Mintoff, gia mart Geoffrey**

**vs**

**Constantino Caruana, Salvinu Caruana, Rosario Caruana, Mary mart Peter Bugeja u l-istess Peter Bugeja bhala kap tal-komunjoni ta` l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici propio et nomine ppremettiet:

Illi l-atturi b`att tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion datat 8 ta` Mejju 1986 xtraw minghand il-Markis Anthony Cassar Desain u ohrajn porzjon art f`Zejtun Road, Marsaxlokk maghrufa bhala il-Cbira u/jew il-Bur ta` San Pietru, liema att pubbliku huwa maqsum f`tlett oqsma tal-kejl ripsettivi, kull qasam ta` (a) 1085 metri kwadri, (b) 2437 metri kwadri u (c) 2149 metri kif jidher mid-Dok A, u mappa A1;

Illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-parti mill-art fuq imsemmija indikata fl`annessi pjanti, Dokumenti A1 u B1 u kuluriti bl-ahdar u konsistenti f`zewg t`ihbula tal-kejl ta' 2437 metri kwadri, bla ebda titolu validu fil-ligi;

Illi l-konvenuti allegaw li din il-porzjon hija proprjeta` tghhom f`proceduri mibdija quddiem il-Qorti Inferjuri;

Illi dan mhux minnu ghax il-konvenuti qeghdin jokkupaw il-porzjoni in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Ghalhekk l-attrici propio et nomine talbet li l-konveuti jghidu ghaliex m`ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-art in kwistjoni maghrufa bhala tal-Cbira sive tal-Kibira jew il-Bur ta` San Pietru, kif fuq deskritta u indikata fil-mapep A1 u B1 hija proprjeta ta` l-atturi;

2. Tikkundanna il-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-art fuq indikatat u b`hekk jirrilaxxaw il-pussess f`idejn l-aturi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni, inkluz ittra ufficjali tat-22 ta` Lulju 1991;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici propio et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

Illi qabel xejn l-attrici li qeghda tidher ghall-attrici l-ohra ghandha tesebixxi l-prokura ghall-prova tal-mandat;

Illi jispetta lill-atturi li jippruvaw (1) li ghandhom dritt jesperixxu l-azzjoni minnhom intentata, (2) li minghajr pregudizzju tal-premess, l-artijiet li xtraw huma dawk posseduti mil-esponenti u (3) illi subordinatament, il-vendituri ta` l-artijiet kienu l-proprijetarji ta` l ghelieqi u bini meta bieghuhomlhom;

Illi qed issir riserva ghall-eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` tad-dokumenti esibiti mac-citazzjoni, li ma kienux reperibbli ghall-ezami tal-esponenti; u salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Illi, fi kwalunkwe kaz, id-domandi ta` l-atturi ghandhom jigu michudin bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-28 ta` Novembru 1991, li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Philip Sciberras bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) li bih gie ordnat li jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Joan May Mainwarring Mintoff vs Constantino Caruana" deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-14 ta Mejju 1991;

Rat l-istess atti li gew allegati;

Rat il-prokura prezentata fl-awla mill-attrici fil-kors tas-seduta tat-28 ta` Novembru 1991, u b`hekk giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-13 ta` Marzu 1992, li bih il-perit legali gia nominat gie sostitwit u gie nominat minnflok Dr. Victor Borg Grech bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi abbli perit legali debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-22 ta' Novembru 1994 u rat ukoll il-verbali tas-seduti minnu mizmuma;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti fejn gie eccepit illi d-dikjarazzjoni ta` l-atturi annessa mac-citazzjoni hija irritwali, u ghalhekk hija nulla c-citazzjoni, billi dik id-dikjarazzjoni tivvjola r-rekwisiti ta` l-artikolu 156 (3) tal-Kodici ta` Procedura Civili ghaliex mhux minnu li l-fatti li l-attrici iddikjarat kienet taf bihom tant illi hija stess mistoqsija fuq dawk il-fatti xehdet quddiem il-perit legali li ma kienetx taf bihom.  L-istess jinghad ghal nies li ma tafhomx u cirkostanzi li ma taf xejn fuqhom.  Inoltre dik id-dikjarazzjoni fiha hafna osservazzjonijiet u argumentazzjoni (ara kliem bhala “qed jigi rilevat” fil-paragrafu 14, “kieku …kienu jemmnu” fil-paragrafu 15, “kisser ghal kollox kull argument li jista` jingieb dwar preskrizzjoni akkwisittiva ta` tletin sena” fil-paragrafu 16), u fiha riferenzi ghal gudikati, gurisprudenza u denunzji ta` successjoni.  Anke dawn l-attrici stqarret fid-deposizzjoni taghha li lanqas kienet taf bihom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti presentata flimkien man-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri u debitament konfermata bil-gurament;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-16 ta' Dicembru 1996 li biha giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri;

Rat is-sentenza tal-Onotabbli Qorti tal-Appell tat-13 ta' Ottubru 1998 fejn l-appell interpost mill-konvenuti ghar-rigward tal-imsemmija sentenza tas-16 ta' Dicembru 1996 gie dikjarat irritu u null u l-atti gew rinvjati lill din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici propio et nomine;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2000;

Ikkonsidrat:

L-atturi jghamlu referenza ghall-att notarili tat-8 ta' Mejju 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion li bih huma akkwistaw bicca art f`Zejtun Road, Marsaxlokk, liema art hi mgharufa bhala il-Cbira u/jew il-Bur ta` San Pietru;

L-atturi jallegaw li l-konvenuti qed jokkupaw parti minn din l-art bla ebda titolu validu fil-ligi. Inoltre l-konvenuti fi proceduri differenti allegaw li huma proprjetarji ta' din il-bicca art li qed jokkupaw. L-atturi ghalhekk qed jitolbu li jigi dikjarat li huma proprjetarji tal-art kollha li huma akkwistaw permezz tal-imsemmi att notarili u li l-konvenuti jigu kundannati jizgombraw mill-bicca art fuq indikata;

Il-konvenuti da parti taghhom qed jeccepixxu li l-atturi ghandhom jippruvaw l-ewwel li huma ghandhom dritt li jghamlu din l-azzjoni minnhom intentata, t-tieni li l-artijiet li huma xtraw huma dawk effettivament posseduti mil-konvenuti u li l-vendituri ta' l-artijiet in kwestjoni u li deheru

fuq l-imsemmi att notarili kienu fil-fatt l-proprijetarji tal-beni minnhom trasferiti fuq l-istess att;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-relazzjoni tal-abbli perit legali, kif ukoll esaminat bl-istess reqqa d-dokumenti kollha esibiti u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-istess perit legali, inkluz il-varji deposizzjonijiet tal-partijiet u l-varji xhieda minnhom prodotti. Esaminat ukoll id-dokumenti li gew esibiti;

Il-Qorti taqbel mal-kostatazzjonijiet li ghamel u mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-abbli perit legali. Dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamilhom taghha. Il-perit legali kkonkluda li t-titolu tal-atturi hu titolu tajjeb. F'dan ir-rigward jirrizulta li l-vendituri fl-imsemmi kuntratt kienu l-veri proprjetarji tal-artijiet li gew trasferiti lill-atturi. Il-vendituri kienu l-werrieta legittimi tal-beni tal-primogenitura eretta minn nobbli Kanoniku Giuseppe Giacomo Testaferrata bit-tesment solenni tieghu tal-14 ta` Marzu 1799. Jirrizulta ukoll li l-art meritu ta' din il-kawza hi dik indikata bin-numru 52 fir-relazzjoni tal-Periti Alberto E. Vassallo u Edwin England Sant Fournier annessa mad-denunzja tas-successjoni tan-Nobbli Lorenzo Antonio dei Marchesi Testaferrata. Din l-art konsegwentement tirrizulta li kienet il-proprjeta tal-vendituri, li setghu, ghalhekk, jiddisponu liberament mill-istess art. B'hekk jirrizulta sufficjentement pruvat li l-atturi huma l-proprjetarji tal-artijiet in kwestjoni;

L-abbli perit legali kkonkluda ukoll li l-konvenuti naqsu li jipprovaw sufficjentement dak li gie minnhom sottomess fin-nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk l-istess eccezzjonijiet ghandhom jigu rigettati;

Peress li jirrizulta li l-atturi huma l-legittimi proprjetarji tal-art in kwestjoni, ghalhekk ma hemmx dubju li dawn kellhom id-dritt li jagixxu kif ghamlu permezz ta' din il-

kawza. Il-konvenuti bl-ebda mod ma wasslu ghal prova sufficjenti li huma l-proprjetarji tal-istess art in kwestjoni;

F'dan l-istadju hu forsi pertinenti li ssir referenza ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet kif kontenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet rispettiva taghhom, b'mod partikolari dawk tal-konvenuti;

Mill-banda wahda l-konvenuti jissottomettu li ma hemmx il-prova li l-art posseduta mill-esponenti hija dik li giet mibjugha jew li kienet tal-vendituri. Fl-istess hin, pero', u b'mod xi ftit kontradittorju, l-konvenuti jissottomettu ukoll li awturi tal-atturi ma kienux il-proprjeatrji tal-artijiet kollha trasferit bl-att in kwestjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Charles Mangion;

Hu minnu li din hi azzjoni rivendikatorja u jispetta lill-atturi li jippruvaw b'mod sufficjenti li huma s-sidien tal-artijiet in kwestjoni. F'din il-kawza l-atturi qed jippretendu li huma l-proprjetarju tal-artijiet in kwestjoni u li gew allegatament spossessati mill-istess artijiet mill-konvenuti, li huma l-possessuri u li in effett qed jiddetienu l-haga bhala l-proprjetarji. L-atturi ghandhom kull dritt li jagixxu permezz ta' dawn il-proceduri peress li huma, in forza tal-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Charls Mangion, qed jippretendu li l-artijiet in kwestjoni huma taghhom u dana ukoll fil-konfront tal-konvenuti li qed ivantaw huma ukoll li ghandhom titolu ghar-rigward tal-istess artijiet;

F'dawn l-azzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn, izda dan sakhemm ma jkunx hemm prova sufficjenti li l-attur hu l-proprjetarju tal-haga in kwestjoni. F'dan il-kaz ma giex semplicement ippruvat da parti tal-atturi li huma akkwistaw l-artijiet in kwestjoni permezz ta' kuntratt izda gie ipprovat ukoll sufficjentement li l-vendituri fuq l-imsemmi att notarili kienu effettivament il-legittimi proprjetarji u ghalhekk setghu jiddisponu legittimament mill-istess artijiet. L-atturi irnexxilhom jippruvaw sostanzjalment b'mod sufficjenti l-provenjenza ghar-rigward tal-istess artijiet;

Huwa minnu li denunzja ta' successjoni mhux titolu ta` proprjeta', izda hi indikazzjoni li l-proprjeta denunzjata kienet tapparjeni lid-decujus. Jigi ukoll rilevat li l-konvenuti naqsu li jrendu b'xi mod dubjuzi l-provi tal-atturi dwar il-proprjeta taghhom tal-artijiet in kwestjoni;

In effett l-abbli perit legali fir-relazzjoni tieghu ezamina fid-dettal it-titolu tal-atturi dwar il-proprjeta in kwestjoni. Huwa esamina ukoll il-provenjenza ghar-rigward tal-artijiet in kwestjoni u sostanzjalment irrintraccja kif l-artijiet eventwalment spiccaw il-proprjeta tal-vendituri li deheru fuq l-att notarili in kwestjoni. Il-perit legali esamina fil-fond il-kwestjoni tal-primogenitura u tal-proprjeta fedekommissarja u l-impkazzjonijiet legali. Inoltre l-perit legali effikacement identifika l-artijiet meritu ta' din il-kawza;

Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-perit legali esprima r-riservi tieghu  dwar in-nuqqas da parti tal-konvenuti li jipproducu bhala xhud lill Lino Delia li in effett deher fuq il-kuntratt ta' bejgh in kwestjoni ghan-nom tal-vendituri. Inoltre l-perit legali kkummenta ukoll dwar in-nuqqas tal-konvenuti li jesibixxu kopja tad-denunzja tas-successjoni ta' l-awturi taghhom. Fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz il-perit legali kkonkluda li l-konvenuti naqsu li jattakkaw b'mod validu t-titolu tal-atturi. Difatti wiehed mill-konvenuti, cioe Rosario Caruana, indika bhala l-art li l-konvenuti jippretendu li hi taghhom bhala l-istess art li giet identifikata mill-perit legali bhala l-art in kwestjoni u li giet trasferita lill-atturi;

Gew prodotti varji provi dokumentarji, inkluzi ricevuti ta qbiela. Mill-provi kollha prodotti, f'dan ir-rigward, ma jistax jigi eskluz li l-hlassijiet relattivi efettivament saru minn wiehed mill-konvenuti;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti, filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u bili fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-art in kwistjoni maghrufa bhala tal-Cbira sive tal-Kibira jew il-Bur ta' San Pietru, kif deskritta fic-citazzjoni u indikata fil-mapep A1 u B1 hija proprjeta ta` l-atturi u tikkundanna il-konvenuti sabiex fi zmien tlett xhur millum jizgombraw mill-istess art u b`hekk jirrilaxxaw il-pussess f`idejn l-atturi;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.